**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il- Hamis 24 ta' Settembru 2020.**

**<u>Rikors nru: 204/2020 AGV;</u>**

**AB C**

**Vs**

**DE**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' ABC** datat 7 ta' Lulju 2020, fejn ppermetta u pprezenta s-segwenti;

1. Illi huma zzewwgu fil-Kappella tal-Universita', Imsida, fid- 29 ta' April 2001, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;
2. Illi minn daz-zwieg, twieldu tlett tifal F, G u H li llum ghandhom hmistax, tlettax u hdax-il sena rispettivament;

3. Illi l-partijiet sseperaw permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Jean Paul Farrugia, tal- 25 ta' Marzu 2015, kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok. B;
4. Illi l-parijiet ilhom jghixu hajja separata ghal oltre' minn 4 snin , intitolati biex japplkiaw ghad-divorzju;
5. Illi ma hemm l-ebda prospett regenevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom u l-partijiet huma kuntenti jghixu l-hajja separata taghhom;
6. Illi inoltre' it-termini tal-kuntratt tas-seperazzjoni, il-konjugi ma ghandhomx jircievu l-ebda manteniment reciproku;
7. Illi in oltre' minn daz-zwieg, il-partijiet kellhom tlett itfal u l-manteniment dejjem thallas fil-pront, u ma hemmx pendenzi;
8. Illi dal-fatti fuq imsemmija jissodisfa il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju , skont l-artikoli 66 B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opprtuna u ghal ragunijiet premessi joghgobha ;

a. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
b. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg.

Il-Qorti rat li fis-seduta tal-Hamis 23 ta' Settembru 2020, deher il-konvenut DE li qed jiddikjara li mhux jopponi ghal talba ta' ABC.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Rat li r-rekwiziti tal-ligi ghall-ghoti tad-divorzju gew soddisfatti.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**